# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 14 ta' Marzu 2023**

Appell numru 479/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Timothy Joe FORACE**

Il-Qorti:

1. Rat is-sentenza tagħha fil-konfront ta' Timothy Joe FORACE tat-30 ta' Settembru 2021 in segwitu għal appell intavolat minn FORACE stess, u li permezz tagħha ddeċidiet:

   li tilqa l-appell in parte billi:

   a) Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet;

   b) Tvajra s-sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet billi filwaqt li tikkonferma l-ħtija tal-appellant fir-rigward tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni **iżda** li b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' piena dawn għandhom jiġu meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tal-ewwel imputazzjoni;

   c) Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-imputat appellant għal tlett snin u nofs priġunerija u minflok, peress li f'dan l-istadju tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u

tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2, 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi:-

i. tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' **tliet snin** millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; il-Qorti tirrikonoxxi li r-reati li tagħhom instab ħati l-appellant iġorru piena ta' bejn sentejn u disa' snin priġunerija u b'hekk jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; fis-sens ta' dak l-artikolu il-Qorti tqis li, fid-dawl tal-fattispecie ta' dan il-każ, nonche r-rapporti professjonali li saru u ġew preżentati matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, jirriżulta li l-fatt li l-appellant wera progress biex jinfatam mill-vizzji li kellu fiż-żmien li seħħew ir-reati de quo u li wasluh biex jikkommetti r-reati de quo u l-fatt li beda jgħix ħajja aktar stabbli bl-għajnuna tal-aktar nies viċini tiegħu kif ukoll jirriżulta mill-istess relazzjonijiet peritali, dan il-każ huwa meritevoli li fih issir tali ordni ta' probation u servizz; u

ii. tqiegħed ukoll lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal **mitt siegħa** f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre fit-termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati sabiex iħallas kwalunkwe bilanċ li jista għad fadallu jħallas lil vitmi tar-reati tiegħu fi żmien sena millum.

2. Rat l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-appellant nhar it-30 ta' Settembru 2021 mnejn jirriżulta li l-kundizzjonijiet imposti fuqu kienu s-segwenti:

> Għalhekk **tordna** li l-ħati **Timothy Joe FORACE** detentur tal-karta tal-identita' numru 256085M ikun għal perjodu ta' **tliet snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:
>
> 1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilu.
>
> 2. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.
>
> 3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.
>
> 4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.
>
> 5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra.

3. Rat in-nota tas-Senior Probation Officer Antonella Debono tas-6 t'Ottubru 2021 li permezz tagħha infurmat lil din il-Qorti li f'dan il-każ kien ġie nominat l-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti sabiex isegwi lil FORACE matul l-Ordni tal-Probation.

4. Rat ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti tal-4 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu informa lil din il-Qorti li l-appellant ma kienx qiegħed jattendi għall-appuntament kollha li ġew mogħtija lilu. Għal dan l-appellant ġab diversi raġunijiet fosthom minħabba xogħol (mnejn minn riċerka ma Jobs Plus irriżulta li fi kwlunkwe każ ma deherx li l-appellant kellu xogħol regolarizzat), minħabba kwarantina mandatorja u minħabba li qal li kien għaddej minn mument diffiċli, inkluż li kien qiegħed jabbuża mid-droga kokaina – kif ukoll ġie konfemat grazzi għal xi testijiet tal-urina li l-appellant kien sottomess għalihom.

5. Rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti tat-28 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu filwaqt li informa lil din il-Qorti li l-appellant ma kienx qed iżomm kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation billi ma jattendix għall-

appuntamenti mogħtija lilu, u l-anqas segwa l-pjan ta' kura li huwa kien qed jiġi offrut, talab lil din il-Qorti biex tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

6. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha saħqet li fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Uffiċjal tal-Probation din il-Qorti kellha tipproċedi fis-sensi tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Rat il-verbal tagħha tat-3 t'Awissu 2022 li permezz tiegħu din il-Qorti appuntat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-Probation għas-smiegħ għas-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 jissejjaħ mill-1000 il-quddiem, liema verbal ġie notifikat lill-appellant personalment nhar l-4 t'Awissu 2022.

8. Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 mnejn jirriżulta li l-appellant Forace minkejja li kien notifikat personalment naqas milli jidher għas-seduta; u kien għalhekk li l-Qorti ordnat li jinħareġ mandat t'akkumpanjament għall-appellant għas-seduta li kien imiss.

9. Rat il-verbal tas-seduta tal-20 t'Ottubru 2022 mnejn jidher li l-appellant kien preżenti u debitament assistit mill-Avukat George Anton Buttigieg u fejn ingħata żmien biex jirregola ruħu.

10. Rat il-verbal tas-seduta tal-25 t'Ottubru 2022 mnejn il-Qorti ġiet infurmata li l-appellant ma kienx ħallas lill-Avukat tiegħu u għalhekk kellu bżonn iqabbad Avukat ieħor.

11. Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 mnejn jirriżulta li l-Avukat George Anton Buttigieg ippreżenta ċertifikat mediku tal-appellant. Intalab differiment li ġie konċess u ġiet iffissata d-data tas-6 ta' Diċembru 2022 għall-iskop tal-verbali preċedenti u liema data ġiet notifikata lil FORACE personalment fil-11 ta' Novembru 2022.

12. Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 li minnu jirriżulta li l-appellant għalkemm notifikat bid-data tas-smiegħ tal-kawża baqa' ma deherx; u anke l-Avukat tiegħu stqarr mal-Qorti li l-appellant ma kienx għamel kuntatt miegħu.

13. Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 li fiha jirriżulta li l-appellant kien preżenti u debitament assist. Dakinhar xehed l-Uffiċjal tal-Probation dwar l-istat u qagħda tal-ordni tal-probation. Dakinhar din il-Qorti kif presjeduta kienet spjegat, fi kliem sempliċi u

li jinftiehem lill-probationee is-sustanza tax-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-fatt li jekk huwa ma kienx sejjer jimxi mal-ordnijiet li jagħtih l-Uffiċjal tal-Probation, il-Qorti ma jkollhiex alternattiva oħra għajr ħlief li tieħu l-miżuri li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan wara li mix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation irriżulta bl-iżjed mod ċar li l-appellant baqa' ma jattendix għas-sessjonijiet li jkunu ffissati lilu mill-Uffiċjal tal-Probation u agħar minn hekk baqa' jabbuża mid-droga kokaina, kif ċerti testijiet tal-urina wrew. Din il-Qorti għażlet li tagħti ftit iżjed żmien lill-appellant biex juri li huwa ried jimxi mal-ordni tal-probation u jżomm lura mill-abbuż tad-droga.

14. Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2023 mnejn jirriżulta li deher l-appellant debitament assistit. Xehed l-Uffiċjal tal-Probation mnejn jirriżulta li FORACE baqa' fejn kien, fis-sens li huwa ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation.

15. Rat ukoll ir-rapport addizzjonali tal-Uffiċjal tal-Probation datat 7 ta' Marzu 2023 u li ġie moqri u spjegat bi kliem sempliċi u li jinftiehem mill-Qorti stess lil probationee seduta stante.

**Ikkunsidrat**

Dan kollu juri kemm din il-Qorti pruvat tagħti żmien u opportunitajiet varji lil FORACE biex jimxi skont l-ordni tal-probation. Evidentement dan ma riedx jagħmel dan. Kellu żmien biżżejjed biex iżomm l-appuntamenti li ingħataw lilu u li jżomm lilu nnifsu l-bogħod mill-abbuż tad-droga. Iżda dawn it-tentattivi li l-Qorti għamlet miegħu jidher li fallew.

F'dan l-isfond u fuq dawn il-provi jirriżulta issa ampjament pruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li FORACE naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità. F'dan l-istadju jkun inutli li din il-Qorti tapplika rimedji oħra, għax dawn, evidentement, ma ħadmux ma' FORACE li ma riedx jimxi mal-ordni tal-probation. B'hekk din il-Qorti ma għandhiex għażla oħra għajr ħlief titratta lil FORACE daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-qorti għal dak ir-reat.

Persuna li tkun ingħatat iżjed minn opportunita waħda li tirriforma ruħha u li tibqa' tippersisti li ma tirriformax ruħha, xi ħin jew ieħor, ikollha taffronta l-konsegwenzi għal għemilha. F'dan il-każ, issa FORACE jrid iġorr il-piż tar-responsabbiltajiet tiegħu, bit-tama li jagħraf jirriforma ruħu, issa f'ambjent kontenut.

# DECIDE

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost u wara li din il-Qorti qieset li FORACE kiser diversi kundizzjonijiet ewlenin imsemmija fl-Ordni tal-Probation imposta fuqu, wara li rat, u a tenur tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda titratta ma Timothy Joe FORACE daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati quddiemha u għalhekk filwaqt li tħassar l-Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin u l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita fejn qiegħdet ukoll lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 183, 184, 261, 268, 281, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali issib lil Timothy Joe FORACE appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu b'dan pero li b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u għall-fini ta' piena t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet għandhom jiġu meqjusa bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tikkundanna lil Timothy Joe FORACE għal perjodu ta' tliet snin priġunerija.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**